

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-25 ta' Settembru 2014 – Osorio et vs SEAE(Kawża F-101/13) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Persunal tas-SEAE assenjat f'pajjiż terz — Deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li tbiddel il-lista ta' pajjiżi terzi li għalihom il-kundizzjonijiet tal-ħajja huma ekwivalenti għal dawk abitwali fl-Unjoni — Att ta' portata ġenerali — Ammissibbiltà tar-rikors — Evalwazzjoni annwali tal-allowance tal-kundizzjonijiet tal-ħajja — Tneħħija)

(2014/C 395/78)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Carla Osorio (Pointe aux Canonniers, il-Mawrizju) et (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

Konvenut: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt, u M. Silva, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tad-19 ta' Diċembru 2012, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013, li ma tingħatax iktar l-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja prevista fl-Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal lill-uffiċjali assenjati fir-Repubblika tal-Mawrizju.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) C. Osorio u r-rikorrenti l-oħra li l-ismijiet tagħhom jidhru fl-Anness għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.
- 3) Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 367, 14.12.2013, p. 41.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tas-17 ta' Settembre 2014 – Wahlström vs Frontex(Kawża F-117/13) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal ta' Frontex — Membru tal-persunal temporanju — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt għal żmien determinat — Proċedura ta' tiġdid — Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Dritt għal smiġħ — Ksur — Influenza fuq is-sens tad-deċiżjoni)

(2014/C 395/79)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Kari Wahlström (Espoo, il-Finlandja) (rappreżentant: S. A. Pappas, avukat)

Konvenuta: Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Vuorensola u H. Caniard, aġenti, D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li l-kuntratt bħala membru tal-persunal temporanju tar-rikorrent ma jiġġedditx wara l-annullament tal-ewwel deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt tiegħu mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-87/11.